# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ*

**86.** **23 ta' APRIL 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# JITILKU ???

Daŭc collha li jieħdu x'interess f 'il politica jinsabu imbixclin ħafna fuk liema triek għandhom jakbdu biex joħorġu il pajjis m'ix-xibca kalila li daħħlu fiha il Gvern ħanin li għandna. Hemm min ijrid li il Cunsilieri jibkgħu fejn huma jieħduha miegħu m'il aħjar li jistgħu; hemm min jifimha li għandhom jitilku f 'dakka u jħallu il Gvern ijgħassed għal xogħlu ŭaħdu, u hemm imbagħad xi ftit li jridu jtellgħu Cunsilieri ridicoli.

Nistudjaŭ flimchien b'il calma collha u bla tgħajjir u pastażati,

« *vergini di servo encomio*
*e di codardo oltraggio,* »

u bla partit u bla interess jeŭ mibegħda personali, naraŭ liema minnhom għandna naħtru l-aħjar f 'dana il mument tant icreħ għal pajjisna.

Nibdeŭ m'il elezzjoni RIDICOLA u ingħidu li dina għandha tcun m'hux l-eŭŭel iżda l-aħħar arma li ŭieħed għandu jdur ghaliha meta jcun ħela l-iscartoċci l-oħra. Mela dana il mezz għal issa ma għandniex x'irriduh kabel ma nippruvaŭ l-oħrajn collha u chiecu irridu nużaŭħ issa lankas ma nistgħu għaliex scond il-Ligijiet Patenti jecc il Cunsilieri jitilku kabel ma jcunu għamlu sena il Gvern jista jdum sena minn dic inhar li jcunu telku biex jarġa jagħmel elezzjoni oħra; u jecc il Gvern li għandu imnieħru tŭil ijxomm li gejja ELEZZJONI RIDICOLA jibka jgħassed ŭaħdu sena kabel ijħalliha issir u f'dina is-sena jgħaddi dac li jrid u li jogħġbu jecc ma jgibx xi ordni m'il Inghilterra li elezzjonijiet ridicoli ma jistgħux ijsiru jeŭ ijneħħu il Cunsill għal collox għaliex la huma għandhom f'idejhom is-setgħa jistgħu jagħmlu dac collu li jridu tant jecc hu xierak chemm ucoll jecc le. Mela dina il fehma ta' ftit moħħhom sħajjen ma għandniex x'irriduha għallankas għal issa u jecc ŭieħed katt jużaha jdur għaliha biss meta jcun ħela l-iscartoċci l-oħra collha biex juri li ħacma tirannica ma ħakkhiex ħliet disprezz.

Hemm bosta oħrajn li jridu m'il ġdid is-SISTEMA TA'L ASTENSJONISMU għaliex jifhmu li dana jcun ta gid actar għalina; u il fehma ta' daŭna ħakkha minn jistudjaha b'ir-rekka collha. Kalu li meta imxejna bl-*astensjonismu* il Gvern għerra imsarnu u ra chif għamel biex daħħal il Cunsilieri m'il ġdid f 'il Cunsill u li ta' dana Barron sar Gvernatur ta't-Tasmanja. Jista jcun li hecc iżda jien ma naħsebx li l-Inghilterra tati tagħna, kabda dubbien, dana l-interess collu u dina il chedda collha. Biss il mibchi Savona, li chien jifhem ħafna f 'il politica tagħna, sejjħilha politica ta'l *poltroons* (ta'l gŭejjef) u chiteb ħafna f 'il *Public Opinion* biex ijgigħel il Cunsilieri jarġgħu jidħlu f 'il Cunsill. Chif issa ħafna Savonjani jifmuha contra dac li kal Savona għadni ma nistax nifhmu jecc m'hux b'il mibegħda personali biss. Il *Malta Herald* hu cuntrarju ucoll.

Nammetti li chif jinsabu f 'il minoranza il Cunsilieri jinsabu b'idejhom marbuta u għalhecc ftit gid jistgħu jagħmlu lill pajjis; nammetti li kiegħdin jakilgħu ħafna fuk ħalkhom u li il Gvern kiegħed ijgib ruħu magħhom ħafna ħażin; nammetti ucoll li fosthom hemm minn għandu xtur x'jonġor u li jisgarra xi ŭaħda ucoll. Iżda li ŭieħed jara id-difetti u in-nukkas ta' ħaddieħor hi ħaġa ħafifa ħafna; id-diffiċli u l-importanti hu li tagħmel int aħjar minn ħaddieħor. Min huma in-nies li riedu jindaħlu għal vjaġġ rajnih fl-aħħar elezzjoni u ma jidhirlix li daŭċ li ħarġu huma actar capaci m'il oħrajn u għalhecc billi inŭakkgħu daŭc li hemm biex ma in

kiegħdux f'lochom oħrajn aħjar jidhirli li incunu kiegħdin naħlu ir-ragħŭa u is-sapun. Mela li jinżlu daŭc li hemm biex jitilgħu oħrajn bħalhom jeŭ ankas minnhom ma hux rimedju b'iż-żejjed biex ijfejjak il marda ta'l mument; u jecc chiecu conna nistgħu insibu aħjar scond il Ligijiet Patenti il Gvern jakbillu ijżommhom l-ura u jibka jgħassed sena ŭaħdu li fiha jiddeciedi il ħafna qŭestjonijiet importanti li hemm scond l-interess tiegħu. Mela jecc ijridu li il Cunsilieri li hemm jinżlu biex jitilgħu oħrajn f'lochom jidhirli li għad ma hux il mument għaliex meta f'dan il ŭakt inħallu il Gvern ijgħassed il qŭestjonijiet li hemm ŭaħdu jaka ħafna deni u ħsara fuk il pajjis.

Jibka mela il cas li il Cunsilieri jitilku darba għal dejjem u ijroddu salib għal ŭiċċhom li l-hemm fuk ma għandu jħares ħadd u li għandhom ijħallu ir-responsabiltà collha biss fuk spallejn il Gvern u jħalluh ijgħassed ŭaħdu. Dana lankas jogħġobni għaliex jecc il Cunsilieri ma jistgħux jagħmlu il gid li jridu collu iżda jistgħu jċanfru il Gvern m'il għamil aħrax tiegħu, jistgħu jicxfulu għaŭaru, jistgħu jiccorrispondu ma'l Ministru u juruh il Gvern x'inhu ijħaŭŭad u chif kiegħed ijgib ruħu magħhom, u dana hu dejjem gid, u ŭisk aħjar m'ix-xejn. Mela kabel għallankas ma tgħaddi is-sena, f'Ottubru, ma jidhirlix li il Cunsilieri għandhom jitilku iżda li jcomplu jatu b'il ħarta fuk ŭiċċ il Gvern chif kiegħdin jagħmlu u li ma jserrħuhx billi jħalluh ŭaħdu chif ijrid hu. Biss jidhirli li f'dan il mument daŭc li jistgħu jagħmlu protesta kaŭŭija huma it-tnejn ta'l Esecuttiv billi jitilku u ma jerġgħux jidħlu kabel ma il Ministru jŭiddeb il Gvern li jgib ruħu magħhom aħjar. Jecc dana ma jcunx b'iż-żejjed malli tagħlak is-sena ŭieħed jistudja aħjar jecc ŭasalx il ŭakt li jitilku collha u jagħmlu ELEZZJONI PROTESTARJA u jecc dana ma jcunx b'iż-żejjed ŭieħed jaħseb fl-aħħar fl-ELEZZJONI RIDICOLA ucoll. Issa barra m'id-DIMISSJONI PROTESTATORJA ta'l membri ta'l Esecuttiv hemm bżonn li jcomplu collha għalenija jċanfru il Gvern m'il aħjar li jistgħu, jiccorrispondu u jipprotestaŭ irŭieħhom ma'l Ministru u li jibdgħu jagħmlu il *meetings* ħalli jkanklu il poplu biex ijcun imħejji għal l-elezzjonijiet protestatorji.

Dina hi, f'dan il mument, il fehma tiegħi.

# Il Prof: C. FIAMINGO

Ijgħidu li in-numru tliettax dellu ħażin! M'hux tasseŭ għaliex it-tliettax il biċċa li chien fih il programm tant sabiħ u diffiċli ta'l Cuncert li ta il bravissimu vjolinista Fiamingo geŭŭ collha applaŭditi ferm. B'dana il Cuncert, li sar nhar it-Tlieta li għaddeŭ, f'il għaxija, f'il Gymnasium ta'l Belt, taħt il patrocinju ta'l Gvernatur, ta's-Sinjura tiegħu, ta'l Armirall Curzon-Howe, u ta' Sir Joseph Carbone, il Prof: Fiamingo ŭera m'hux biss li hu ŭieħed m'il akŭa vjolinisti li għandna iżda ucoll li hu compositur ta'l musica m'it-tajjbin għaliex id-*Danse Infernale* u is-*Serenade* huma żeŭġ bcejjeċ li ma jistħux minnhom aŭturi m'il aħjar; u ŭera ucoll li il Maltin, allavolja ma jsibux b'iż-żejjed minn jagħmlilhom il kalb, f'cull ma jmiddu idejhom jirnexxu b'mod li jistgħu jħabbtuha f'il ŭisa ma'l frustieri. U meta ingħid li ma tantx huma incoraggiti ma incunx kiegħed ingħid xejn barra minn locu għaliex jecc il Cuncert għal dic li hi parti artistica irnexxa ferm għal dic li hi parti ta' flus naħseb li il Prof: Fiamingo irroffa xi ħaġa m'il but f'loc li kala, u b'hecc darb'oħra ma jagħmelx il kalb biex ijsemmagħna Cuncerti oħra. Għarucaża! chiecu chienet xi partita *football*, jeŭ xi luminarja, jeŭ xi serata ta' xi djul ta' primadonna... *leggiera* chiecu cullħadd chien jara mnejn jicseb il flus biex ijmur u juri ruħu, iżda biex jisimgħu u jincoraġġixxu malti bħalhom ta' ħila, baħħ... saħansitra daŭc li għal gieħna jippretenduha ta'... Minossi. Ħaŭn Malta collox b'il partit u collox b'il personalità u għalhecc xejn u ħadd ma jista jgħaddi il kuddiem, u il famusa M'AHNIEX ta'l Contin Caruana-Gatto ma tokgħodx biss għal Gvern barrani li kiegħed jaħchimna b'tant ħruxija iżda għalina geŭŭienin ucoll li inħobbu lil xulxin... bifsticc biss.

Ingħaddu mela biex ingħidu xi ħaġa fuk dana il Cuncert sabiħ ħalli nuru li chien jistħokklu min juri kalbu iżjed. Ma hemmx bżonn infaħħar il *Quartett* ta'l Cav: Lancellotti għaliex cullħadd semgħu jdokk u jaf x'ijsarraf; iżda irrid ingħid li il Prof: Fiamingo f'is-*Scene Populaire Espagnole* ta' Leonard, fl-*Allegro Maestoso*, fl-*Adagio* u f'ir-*Rondò* ta' Paganini, f'il *Mazurka di Concerto* ta' Musin, f'il *Gran Capriccio* ta'n-Norma, f'is-*Serenade*, f'id-*Danse Infernale*, f'il *Barcarola* u f'is-*Souvenir of Great Britain* ŭera il ħila cbira, li tgħaġġeb, li għandu biex ijdokk b'dac l-isturment hecc diffiċli u biex jicteb dic il musica li m'hux għal xejn faħħruhielu l-aħjar Professuri ta' Barra. Cull min chien hemm u jifhem ma sabx chelma oħra x'ijgħid ħliet « sublimi! »

Għinu ħafna ucol: il Cuncert is-Signura M. Fiteni, li b'illeħen ħelu li għandha u b'il mod tajjeb li bih taf tcanta kalgħet ħafna ir-Romanza *Portami via* u id-dŭett ta'r-Rigoletto ma's-Sur R. Falzun li għamel ucoll figura sabiħa ħafna u kala ucoll ħafna applaŭsi chif chien jistħokklu. L-istess ingħidu għa's-Sinjurina M. De Petri li cantant il *Caro Nome* u is-*Suicidio* ta'l Gioconda kalb ħafna applaŭsi.

Fi ftit cliem chien Cuncert ta' min jisimgħu u nitma li issa meta il fama ta'l ħila ta'l Prof: Fiamingo ticber u tixxerred ħafna jibdgħu japprezzaŭh chif jistħokklu u li f'cuncert ieħor is-success m'hux biss ijcun sabiħ m'il parti artistica bħal dina id-darba iżda m'il parti ta'l but ucoll għaliex l-artista jrid ijcollu incoraġġiment materjali ucoll biex jista jagħmel il kalb u ijgħaddi il kuddiem.

# FRAC.

Cull min mar l-Esposizzjoni ta'l Pittura faħħar ħafna u b'il ħakk collu, qŭadru cbir u sabiħ li chien hemm « S. Laŭrenz» li hu xogħol ta'ż-żagħżugħ intelligenti Ġużè Duca ta' Bormla, li ġa hu magħruf ħafna f'il pajjis għa'r-ritratti ta'l pastell tant sbiħ li għamel u li saħansitra il Gvernatur ordnalu biex jagħmel ir-ritratti ta'l Gvernaturi l-oħra għal Palazz ta' Sant'Anton. Is-Sur Duca ħakku cull incoraġġiment u nitma li is-Soċjetà d'Arti e Manifatture tagħmillu il kalb xi ftit ħalli jcompli jimxi il kuddiem f'dina it-triek li fiha ġa ŭera li għandu ħila cbira- Il CHRONICLE kal:— *Mr. Duca, who is largely a self-taught artist, sends an altar-piece painted with vigour and general excellence. The grouping is rational and the colouring rich and warm.* U barra minn dana faħħritu ħafna il *Gazzetta di Malta* u giornali oħra ucoll.

★

Fl-1909 fl-Egittu chien hemm mija u erbgħa u erbgħin ġurnal, tmienin minnhom b'il għarbi u l-oħrajn b-ilsna eŭropej. Disgħin minnhom joħorġu il Cajr, 45 l-Ixandra u 4 Port Said. Il għacs f'dac il pajjis hu cbir u is-sena l-oħra biss chien hemm ma'l ħames mitt falliment.

★

Il Curunell Seely ħabbar f 'il Camra ta'l Comuni li sejjra issir Cummissjoni oħra biex tistudja mnejn hu gejj id-deni u chif titniġġes bih il mogħża. J'Alla dina il biċċa tirranġa ruħħa b'ŭiċċ il gid darba għal dejjem.

★

L-Iskof tagħna Mons: Pace siefer għal Ruma, u f 'locu ħalla il Can: Dun Luigi Attard, ragel maħbub minn cull ħadd għal l-imgieba tiegħu tajjba u billi jakdi dmiru chemm jista b'il ħakk ma cullħadd.

★

Cullħadd jaf chemm kiegħda tagħmel gid lill fkar is-Soċjetà ta' S. Vincenz di Paoli u għalhecc jixrak li cull min għandu kalb ħanina jgħinha m'il aħjar li jista. Fl-eŭŭel ta' Mejju li gejj, f'iċ-Cinematografu li hemm Bormla, f 'il Casin ta'l Banda S. Ġorġ, sejjer ijsir Cuncert sabiħ ħafna b'il cant u id-dakk li nitma jirnexxi m'il aħjar. Għaldakshecc nitma li ma tonksux biex fl-istess ħin li tieħdu pjacir tcunu ucoll kiegħdin tagħmlu opra ta'l carità.

★

Ftit ilu ħabbart f 'in-« Naħla » ir-rebħa sabiħa li għamel il Club ta'l Football ta'l Fŭrjana fuk ir-Regiment Suffolk. Illum bi pjacir cbir sejjer inħabbar rebħa oħra ta' min ijfaħħarha li għamel il Club ta' Bormla St. George's fuk il Cumpannija ta'l bastiment *Duncan*. Bi premju l-Ammirall E.A. Simons stess ippresentalhom tazza ta'l fidda u faħħarhom ŭisk.

Dana, chif għidt drabijiet oħra, juri b'iċ-ċar li il Maltin għal cull ħaġa li jmiddu idejhom għaliha joħorġu bl-unur; u irrid ingħid ucoll li dana il-logħob sa chemm ijsir b'ir-regola biex ma jgibx ħsara f 'is-saħħa u disgrazzji u sa chemm jittieħed m'iż-żagħżagħ b'ricreazzjoni u m'hux jisfrattahom m'il istudju jeŭ m'ix-xogħol tagħhom, ma hux ta' min ijmakdru għaliex it-tħarriġ ta'l gisem ijcattar is-saħħa u jagħmel iż-żgħażagħ f k ruħhom bħal ma hemm bżonn biex jimxu il kuddiem f 'il ħajja ta'l-lum. Mela nifraħ lil Bormliżi pajsani tiegħi li sa minn żmien l-Assedju il Cbir u minn żmien il Franciżi dejjem ureŭ ħila cbira u ħarġu ta' rgiel għal din ir-rebħa oħra li għamlu fuk is-suppervi Ingliżi.

★

F'iċ-Circu Teatru Brittannia, nhar. il Ħadd li gejj, 24 ta' dana ix-xahar li aħna fih, fl-erbgħa u nofs ta' ŭara nofs inhar, is-Società Filodrammatica Alfieri sejjra tati IS-SIGNAL TA'S-SALIB dramm reliġjus f 'ħames atti, b'vestjarju famus; u is-Soċjetà Filarmonica La Vallette iddokk fl-intervall programm sabiħ minn dac li taf iddokk hi, bi tliet bcejjeċ b'il kniepen. Fl-aħħar ijcun hemm cuncert canzonettisticu flimchien ma's-Soċjetà Mandolinistica Rossini. Il prezzijiet huma irħas :— il palchi minn 4 sa 5 xelini; il platea minn xelin u nofs sa tmien soldi u il gallarija erba soldi biss. Għaldakstant nitma li jmorru ħafna nies biex jitgħaxxku bi ftit flus b'serata sabiħa bħal din.

### SCOLA TA'T-TIFSIL.

Fi Strada Reale, numru 32, f 'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il Prof: Vincenzo Grech li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f 'il għodu sa't-8 ta' f 'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

# Il Chittieba b'il Malti.

## G. A. VASSALLO.

Jixrak ħafna li in-« Naħla » bħala gazzetta maltija tfaccar il daŭc collha li ħabbeŭ l-ilsien għażiż tagħna u li chitbu bih biex ijgħallmu jeŭ biex ijfarrġu il poplu li ma jafx jakra b'ilsna oħra. Ħafna minn daŭna il chittieba chienu jafu jictbu tajjeb ucoll b'ilsna oħra, iżda f 'loc li ħarsu dejjem f 'il għoli għal gid tagħhom biss ħarsu ucoll ŭisk drabi l'isfel biex ijgħallmu u jfarrġu il daŭc li il fakar ħallihom imcheffna f 'id-dlam ta'l moħħ billi ma jafux b'daŭc l-ilsna li jistgħu jiftħulhom il bŭieb ta' cull għerf u ta' cull risk. Ŭieħed fost daŭna chien il għaref Professur **Ġann Anton Vassallo** li b'il poeżiji tiegħu fittex dejjem li jgħallem u jeduca il poplu malti u li b'chitba oħra fittex li jgħallmu l-istorja sabiħa u glorjusa tiegħu; u għaldakshecc irrid ninseġ dana il ftit cliem ta' tifħir fuk ħajjtu ħalli it-tifchira tiegħu minn fostna matmut katt.

Is-Surmast Paŭlu Cesareo, l-intelligenti chittieb ta' ħafna poeżiji sbiħ b'it-taljan u li lili għallimni ucoll, bi ħrara cbira, għal xi żmien l-ilsien taljan, niseġ il-ħajja ta'l Professur Vassallo u fuk dana il ctieb sejjer nimxi jiena billi is-Sur Cesareo chien jitgħallem taħtu u għalhecc chien jafu m'il krib.

Il kima lejn il cbar ta' cull pajjis hi ħaġa li dejjem giet imfaħħra f 'cull żmien u m'il aħjar għorrief. Il famus filosofu Gioberti jgħidilna : *« l'ignoranza e l'indifferenza delle opere e de' monumenti degli avi è la maggior sventura d'un popolo, una macchia d'ingratitudine e d'irriverenza verso coloro che ci lasciarono un'eredità santa di sapienti tradizioni e di glorie non periture »* u il cbir poeta Ipollito Pindemonte ħalla mictub :—

> *« Non già conforto sol, ma scuola ancora*
> *« Sono a chi vive i monumenti tristi*
> *« Di chi disparve. »*

L-imfaħħar Leopardi canta :—

> *« O come grato occorre*
> *« Il sovvenir delle passate cose*
> *« Ancor che triste e ancor che il pianto duri! »*

u il Foscolo, f 'is-*Sepolcri*, biex ma insemmix ħafna oħra, ħallielna mictub :—

> *« Ah! sugli estinti*
> *« Non sorge fiore ove non sia d'umane*
> *« Lodi onorato e d'amoroso pianto »*

u

> *« Testimonianza a'fastli eran le tombe. »*

Scond il għaref Bossuet, l-Egizzjani chienu jatu giħ lil daŭc collha li chienu jogħleŭ b'ħilithom; l-Achej chienu lill eroj tagħhom jibnulhom il kobra fuk l-Ellespont biex cull min ijgħaddi minn kuddiemhom jatihom kima u jiftacar f 'il ħila tagħhom, bħal ma jgħarrafna Omeru fl-« Iliade » tiegħu. Ruma chienet ucoll tati kima lill cbar tagħha u bakgħu jissemmeŭ il funerali famusi li għamlet lil Brutu. Il Bardi irlandisi, scond il *Giornale Enciclopedico d'Italia* chienu, jgħannu fuk il mejjtin tagħhom il *caoini* u min ma chienx ijcollu dana it-tifħir chien jibka magħdud bħal bniedem bla giħ.

Minn dana naraŭ li sa m'il ibgħad żmienijiet dejjem fittxu li jfaħħru il min ħakku, u għaldakstant sejjer ingib din il biografija ta'l letterat u storicu tagħna Vassallo, billi bħal ma kal Cesare Balbo :— *« il divulgar la vita de' propri grandi è dovere ormai d'ogni letteratura. »*

Ġann Anton Vassallo tŭieled il Belt f 'is-6 ta' Ġunju ta'l 1817. Missieru chien jismu Vincenzu u ommu Marija u għad li chienu it-tnejn nies tajjba ħafna ma chienux għonja jeŭ għolja. Dana ftaħar bih hu stess f 'poeżija b'it-taljan meta kal :—

*« Del popolo io sono, ed a lui pegno*
*« D'amore do nel poco, dove arriva*
*« La penna che mi diè povero ingegno »*

u minn haŭn gietu l-imħabba cbira li jgħallem il poplu baxx billi chien jaf actar m'il krib il bżonnijiet tiegħu, u il għaxka ta' kalbu chienet dejjem li jarah jitgħallem u jimxi il kuddiem :—

*« sol m'aggrada*
*« Quanto al popol servir possa di scola. »*

Minn tfulitu beda juri x'chellu jsarraf fih u is-Surmast tiegħu Dun Ġacchinu Attard D.D. beda jfaħħru ma' cullħadd. Ta' tliettax il sena beda jicteb xi poeżiji u ta ruħu għal l-istudju ta'l classici taljani. Ŭara għaddha taħt idejn il għaref Dun Pietru Paŭl Psaila D.D. u taħt dana tchisser seŭŭa fl-ilsien latin billi bħal ma kal hu fi *Prolusjoni* li għamel fl-Università tagħna : *«l'essenza del bello italiano è in gran parte la lingua latina.»* Biex jitħarreġ aħjar f'dana l-ilsien, li f 'dac iż-żmien chien actar imfittex, għadda taħt idejn Dun Ġużepp Zammit (*Brighella*) li chien ŭieħed m'il akŭa latinisti ta'd-dinja. Barra minn daŭna studja ucoll il franċiż u il għarbi. M'il poeti franċiżi La Fontaine u La Motte ħa ħafna minn daŭc il ħrejjef li chiteb poeżija b'il malti. Chien ijċaflas ucoll seŭŭa bl-ingliż u baka dejjem jistudjah b'il kalb.

F'it-8 ta Jannar ta'l 1839 daħal f'il cors ta'l-Ligi fl-Università tagħna u ħa il-laŭrja ċchejchen ħafna. Il Prof: Sigismondu Dimech u il Prof: Caruana-Dingli, li chienu jgħallmuh it-tnejn il-Ligi, chienu jfaħħruh ŭisk. F'is-6 ta' Lulju 1842 sar Avucat. Dina il ħabta chien ġa jicteb tajjeb b'it-taljan u dana is-sonett li sejjer ingib biex ma jintesiex chitbu fl-1840, meta chien għad għandu tlieta u għoxrin sena u juri li kalbu ħabbritu minn cmieni li chellu jispiċċa migħun.

*« O giovanil etade, ebbra, fiorita,*
*« Ch'in noi risvegli ogni fatal desio,*
*« Quanto crudele omai non ti trov'io !*
*« Quai mali per te sento, e chi m'aita ?*

*« Al quinto lustro ancor non è mia vita,*
*« E stanco già... e aborro il viver mio :*
*« Vittima sono di destino rio*
*« E'l cuor mi strazia orribile ferita.*

*« Un bujo ingombra la mia mente : i rai*
*« Della ragione sono foschi tanto,*
*« Che temo non ischiarino più mai.*

*« Pasco sol trovo nel sospir, nel pianto;*
*« I sogni miei sono sciagure, guaj,*
*« E parmi ovunque, ohime ! la morte accanto. »*

Sa da'ż-żmien chien għadu katt ma ŭera ismu f dac li chiteb; iżda għal laŭrja stampa innu b'ismu lil Sant'Ivone, il kaddis protettur ta'l Avucati, u li copja tiegħu għada teżisti f'il Biblioteca tagħna. Is-Sur Paŭl Cesareo, li jaf xi tfisser poeżija taljana, faħħru billi chiteb:— *« Bello per forma, lingua e concetto, quell'inno in versi settenarii, fu l'ammirazione di tutti, e presagì ognuno da quell' fiore poetico, che la mente del giovane poeta avrebbe partorito luminosi frutti d'ingegno. »*

(*Jissoctaŭ.*)

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Iżda jecc hi ħaġa cherha u ħażina li tiżżeŭŭeġ ġuvni li ma jaklax biss għax tħobbu ħafna, ma hi xejn, m'il banda l-oħra, ħaġa sabiħa jeŭ tajjba li tiżżeŭŭeġ ragel għal gidu bla ma tcun tħobbu. Le, fl-eŭŭel cas jista jigi rieħ tajjeb li jiddobba impieg m'hux ħażin u allura l-imħabba tiħdar bħal ħabak u tgħixu ħienja; iżda fejn ma hemmx u katt ma chien hemm imħabba dina b'il flus ma tinbet sgur katt u tgħaddi ħajja ħarxa ta' irsira għaliex il catina li torbot ma riġlec għad li tcun ta'd-deheb u micsija b'il ġaŭhar u b'id-djamanti it-tokol tagħha tibka tħossu dejjem, sa'l meŭt li tifdic minnha.

Haŭn minn ijgħid li l-imħabba ŭara tigi ŭieħidha; katt temmnu. Jecc ir-ragel li tieħdu jcun fih xi ħaġ'oħra xi tħobb jista jcun; iżda jecc il valur tiegħu jcun biss f 'il flus li jcollu okogħdu sguri li dana il għageb ma jsir katt. U iftħu għajnejcom li ma tagħmeŭx ŭara il flus biss u tagħilku għajnejcom fuk saħħtu, fuk id-draŭŭiet ħżiena tiegħu; ftacru li daŭn jintirtu u li jgħaddu f 'uliedcom, u li jecc ijcolloc tfal tisici jeŭ tfal imgienen, jeŭ tfal discli b'gid żeŭgec collu ma tfejjakhomx u b'il-liri ma ittaffix l-imrar ta' kalbec u il għali li jcolloc.

Dac il ġuvni li jcollu il flus actarx ftit ijcun baża għal saħħtu u li ma kabadx draŭŭiet ħżiena, ta' nisa, ta' logħob, ta' xorb u ħŭejjeġ oħra coroħ. Ftacru li daŭna il vizzji ŭara il-*luna di miele* jiffaċċaŭ m'il ġdid bħala bettija morr kalil. U x'jisŭielec il gid collu li jcolloc f 'idejc jecc żeŭgec hu marradi, disclu, u jżebilhec bħal seftura għaliex ijċanfrec li cull ma hemm f 'id-dar hu tiegħu, li ħadec b'il kmis ta' fukec u għamlec nies, li f 'loc tonfor għandec tbuslu cull fejn jimxi għaliex refgħec minn xagħrec, jeŭ jecc ijkatta nharu u lejlu f 'loc migbur miegħec u ma' uliedu, f'il casini, f'il ħŭienet, f'il *cafè chantants*, jeŭ f 'lochijiet oħra agħar ? Aħjar lokma ħobż ta'l maħlut u jcolloc ragel b'il għakal u li jgiblec rispett, milli jcolloc muntanja liri biex jordmoc taħtha ragel disclu u li ħadec b'capriċċ.

X'jisŭa li tilbes il bellus jecc taħtu ħalbec seŭda u imnicta ? X'jisŭa li tmur b'il carrozza jecc żeŭgec ma hux ma' genbec iżda actarx kiegħed ħdejn mara oħra ? X'jisŭa li jcolloc dar cbira jecc kiegħda biex b'il-lejl u b'inhar ma tilkax ħlief lilec biss għaliex għal żeŭgec il casin u ix-*chantants* huma ŭisk isbaħ u ħelŭin ? X'jisŭa billi b'il flus ijcolloc mnejn iġgib ħafna sefturi biex żeŭgec ijcollu mnejn jagħżel min ijservih ?

Li chiecu ma chellux il gid chien ijcollu jmidd għonku għa'x-xogħol u dana ma jagħmilx ħlief saħħa l'ir-ruħ u lill gisem. Chiecu ma chellux mnejn ijberbak chiecu nisa oħra ma chienux jiġru ŭarajh u jisfrattaŭhulec. Chiecu ma chellux bŭietu mimlija b'il-liri ma chienx ijcun jista jkatta l-iljieli sħaħ jitligħeb f 'il casini. Mela, ja xbejbiet, araŭ li ma timleŭ katt għajnejcom iż-żejjed b'il flus għaliex daŭna f 'iż-żŭieġ, disgħin f 'il mija, actar ijgibu gŭaj milli gid, actar ilfiek u nichet milli imħabba u hena.

Mela bħal ma ma għandcomx tiżżeŭŭġu ragel bla capacità hecc ucoll ma għandcomx tagħmeŭ ŭara ħafna flus. Ħudu ġuvni li jaklagħha tajjeb u b'xogħlu u li barra milli jista jżomm seŭŭa chif jixraklu il familja tcunu tistgħu ucoll cull tant fl-imchien tagħmlu xi capriċċ onest.

Kisu ucoll li tfittxu il flus ŭara il ħŭejjeġ l-oħra. Jecc ma's-saħħa, ma'l għakal, ma'l intelligenza u ma'd-draŭŭiet tajjba, issibu il gid, la tirruftaŭhx għaliex il gid f 'idejn min jaf

jużah tajjeb, bħal ma kiegħdin jagħmlu il Cav: Alfonsu M. Galea u bosta oħrajn, ħu barca f 'id-dar. Mela la tieħdu katt ragel imsaŭŭat daks Ġobb għaliex tħobbuh biss; u lankas tieħdu ragel imkar għani daks Rockfeller jeŭ Rothschild għal gidu biss. Agħżlu it-triek ta'n-nofs għaliex fiha timxu aħjar *(In medio tutissimus ibis* u *In medio stat virtus)* u ma's-saħħa, l-imħabba u l-onestà fittxu ucoll il capacità biex biha ir-ragel ijżomm il familja chif jixirkilha.

Barra minn dan irrid nifthilcom għajnejcom fuk ħaġ'oħra:— AĦSBUHA MITT DARBA KABEL MA TIEĦDU RAGEL LI JCUN OGĦLA MINNCOM JEŬ ĦAFNA ACTAR BAXX MINNCOM. Jecc ir-ragel ijcun ogħla minncom, aristocraticu, jeŭ imrobbi dejjem f 'is-soċjeta il għolja u inti tcun bint il poplu, democratica, mallit iġu flimchien taħbtu u issiru bosta drabi clieb u ktates bla ma jcollcom ħlief tort ŭieħed *li iżżeŭŭiġtu il xulxin.* Għaliex daŭc id-draŭŭiet li jcun gieb minn daru hu u li jcunu ilhom fuku ħamsa u għoxrin jeŭ tlietin sena, ma jistax jinża minnhom chif gieb u laħak, lankas jecc ijrid, u l-istess jiġri lilec, u f 'battalja bejn ragel u mara hu dejjem int li trid tbaxxi rasec u taddatta ruħec jecc ma tridx li cullħadd jarġa jmur għal rieħu. Dac li hu jara tajjeb u li ma jistax ijgħaddi minn għajru inti tarahom csuħat u jdejjkuc; u dac li tagħmel int, allavolja jcun għakal, jeŭ bżulija jeŭ ġabra ta'd-dar jarah trascuraġni, jeŭ nukkas ta' mgiba għaliex l-ommu u il ħutu-bniet katt ma rahom jagħmlu dac ix-xogħol. U ftacar li l-etichetta ma titgħallimhiex minn fuk il ctieb chif jaħsbu bosta; dina trid tcun imrobbija fiha minn tfulitec għaliex inchella cullħadd jintebaħ b'il granci li tieħu u jitbissem jiddieħek bic. Biex ma tmurx ma' żeŭgec f 'is-soċjeta, f 'iż-żjajjar, f 'il balli, f 'is-serati tcun kiegħda ticsru, iġġiegħlu jonkos u tkiegħdu f 'tiġrif cbir. Biex tmur miegħu meta ma tafx iġġib ruħec chif ijmiss seŭŭa tinchiser int u trigħex lilu b'mod li jindem minnec u jibda jŭarrbec. Mela kabel ma tidħol f 'dana il baħar ta' inqŭiet u ta' tertiek ta' kalb aħsibha ħafna u ħafna għaliex aħjar tieħu ragel ta' mparec u tgħix miegħu f 'il qŭiet b'il ġabra collha milli torbot feccruna ma' siek ta' għasfur. *Cull par għal paru* jgħid il proverbju malti u jgħid ħaġa ta' għerf cbir.

Mela meta ma tcunx sgura li takbel f 'id-draŭŭiet ma' żeŭgec u li tista cull fejn jieħdoc ma tħammarlux ŭiċċu, la tieħdux għaliex id-draŭŭiet, meta jixrafu, jrabbu zcuc ħoxnin ŭisk li ma tiddrittahomx malajr u jisgħob bic.

L-istess ingħidilcom għal dic li hi INTELLIGENZA u SCOLA. Jecc tieħu ragel li jcun dejjem moħħu f 'il chitba u fl-istudju, li il pjacir tiegħu hu li jokgħod id-dar jakra jeŭ jicteb u ma hux li jagħmilha ma'n-nies, jecc ma tcunx intelligenti li tista tcompli miegħu meta jrid jokgħod jakralec xi ħaġa sabiħa jeŭ jirraġuna fuk xi qŭestjoni, jeŭ tiddejjak u trid tmur tiġri ŭara pjaciri oħra, jiġrilcom bħal ma ġralu il poeta Milton ma'l mara tiegħu; m'hux biss toħolku l-infern f 'id-dar iżda tinbagħdu għaliex hu fic jara mogħża u inti fih tara bużżieka u b'hecc ma tistgħux issibu hena katt fl-imchien. Biex f 'iż-żŭieġ jista jcun hemm il ħena hemm bżonn li ir-ragel u il mara jcunu bneŭ il palazz tagħhom fuk erba sisien (pedamenti):—

(a) L-eŭŭel ŭieħed FISICU, igifieri ta's-saħħa chemm tiegħec u ta' niesec chemm ucoll tiegħu u ta' niesu.

(b) It-tieni ŭieħed MORALI, igifieri ta'd-draŭŭiet tajjba tiegħec u tiegħu, ta'l għakal, ta'l fedeltà lejn xulxin, ta'l ġabra, ta'l imgiba tajjba bejnietcom, ta'l imħabba u il mogħdrija f 'in-nukkas tagħcom.

(c) It-tielet ŭieħed INTELLETTUALI, igifieri li barra milli takblu f'id-draŭŭiet tagħcom tridu tcunu takblu ucoll f 'il fehmiet tagħcom ucoll; u għalhecc jecc tcunu ta' mpar xulxin aħjar tant f 'il grad ta'l familja chemm ucoll fl-iscola li tcunu tafu għaliex b'hecc tcunu tistgħu tmorru dejjem cullimchien fl-imchien bla ma tħammru katt ŭiċċ xulxin.

(d) Ir-raba ŭieħed FINANZJARJU, igifieri li ma tcunux ħaddtu ragel bla ħila u li jħalli id-dar tbati u ankas tcunu ħadtuh għal flus biss u b'hecc ma tistgħu katt tħobbuh tasseŭ u issibu hena f 'id-dar. Jecc trid tgħix ħienja studja ucoll tajjeb jecc ijcunx hu li sejjer jieħdoc m'hux għax għandu grazzja miegħec jeŭ għax ijħobboc iżda għal flusec jeŭ għal xi negozju ieħor għaliex hena b'hecc ma jista jcun hemm katt sgur.

Mela m'iż-żeŭġ bnadi jrid ijcun hemm (1). SAĦĦA, (2). DRAŬŬIET TAJJBA; (3), FEHMIET JAKBLU; u (4). KLIEGĦ B'IŻ-ŻEJJED M'IR-RAGEL BIEX IJŻOMM IL FAMILJA CHIF JIXIRKILHA. Jecc ma issibhomx collha f 'dac ir-ragel li titfa għajnejc fuku u fic LA TIŻŻEŬŬGUX GĦAX JIBDIELEC. Ftacar li ir-rabta hi sa'l meŭt, u li la tieħu dac il pass ma tista tarġa l-ura minnu KATT. Mela kis mitt darba kabel takta darba u ma jisgħobbicx.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

*(Jissocta).*

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G. B.** (Ħamrun).

META JTIRLEC SUFFARELL TA'N-NAR F'GĦAJNEC darb'oħra ma għandecx tħoccha bħal ma għamilt għaliex l-ugiegħ actar jicbirlec. Għgħel il xi ħadd ijkattarlec katra żejt ta'l ichel fiha u jecc ijcun żejt ta'r-riġnu ħafna aħjar u tara chif l-ugiegħ jittaffa malajr. Meta tidħolloc xi tarca agħlakha malajr għal ftit ħin u iftaħha fl-ilma frisc u baħbaħ.

U issa la aħna f 'il cliem ħalli infehmec ucoll x'tagħmel jecc tidħolloc xi ħaġa f 'ŭidintec. Katt tgħaŭŭar jeŭ tross għa'x b'xejn tħassar it-timpan u tittarrax. Jecc ijcun xi insett daŭŭar ŭidintec lejn xi daŭl kaŭŭi għaliex dana meta jarah actarx joħroġ ŭaħdu. Jecc tcun xi piżella ixxarbuhiex bl-ilma għaliex ticber actar u actar ma toħroġx. Jecc tcun żibġa imtedd b'ŭidintec l-isfel u iġbidha minn fejn tiddendel il misluta biex tŭassa it-tokba ta'l ŭidna. Jecc ma jirnexxilecx l-aħjar itlak f 'idejn it-tabib.

**Lil S. D.** (Birchircara),

META TINFAĠAR, jecc m'hux b'il kaŭŭi, iġbed b'imnifsejc, l-ilma chiesaħ u żomm mactur imxarrab bl-ilma frisc bejn għajnejc, okgħod b'il kiegħda fuk siġġu u dendel rasec l-ura, u l-aħjar taħt il cozz ta' għonkoc kiegħed muftiħ jeŭ xi ħaġa ta'l azzar chiesħa. Katt tmil rasec fuk friscatur bħal ma jagħmlu x'uħud u neħħi minn rasec il ħmerija cbira li dac id-demm li titlef jagħmillec il gid. Id-demm jisŭa il flus ŭisk u tbati ħafna biex tagħmlu u għalhecc ma għandec tħallih jintilef katt. Jecc tarah isŭed dac m'hux għax ijcun demm ħażin iżda biss għax ijcun demm ta'l vini li jcun għadu ma issaffiex f 'il pulmuni iżda dan hu għażiż daks l-ieħor. Min jinfaġra spiss hemm bżonn li jchellem it-tabib biex jiccurah. Jecc il faġra tcun kaŭŭija imtedd ŭiċċec il fuk bla imħadda, uża is-silġ f 'loc l-ilma chiesaħ, sodd imnifsejc b'tarf ta' mactur mibrum u ibgħat minnufih għa't-tabib. Ħoll il għonk u orbot idejc fuk ġbinec biex ma tħallihomx imdendlin, iftaħ it-tŭieki,

checci in-nies minn ma dŭarec u gieghilhom jaghmlulec flixcun b'il mishun ma' riglejc.

**Lil M. S.** (Sliema).

Iva, IL GOBON ACTAR MA JCUN IFFERMENTAT ACTAR IJGHADDI MALAJR M'IL ISTONCU u ghalhecc ghandcom actar tfittxu il Gorgonzola ħadra ħaxix, ir-Rochefort, li Stilton u gobon ieħor kadim milli tieclu il gobon gdid ghaliex dana hu ŭisk actar indigest. Ghalhecc gbejna ta' nghag jeŭ biċċa gobon ingliż, aŭstraljan jeŭ canadjan ijdumu actar ma jghaddu m'il oħrajn li semmejt kabel. U gobon culu dejjem chemm ijcollcom aptit ghaliex dana jaticom saħħa actar mi'd-doppju ta'l-laħam u tonfku ŭisk ankas. Meta tieclu qŭart gobon li jkum ħames soldi tcunu sostnejtu ruħcom daks li chiecu chiltu b'disa soldi laħam, barra m'il ispejjes sa issajjruh u barra m'il pericoli li fih ghaliex il-laħam meta jiffermenta go'l gisem jaghmel il *ptomaini* li huma veleni kaŭŭija li jgibu fetħa, vomtu, disenterija u xi dakkiet il meŭt ucoll, iżda il ħalib jeŭ il gobon iffermentat (kares), scond l-aħħar studji ta'l gharef Prof. Metchnikoff huma tajjbin gha's-saħħa ghaliex il microbi taghhom jieclu il microbi ta'l mardijiet u b'hecc huma ta min ijfittixhom, tant li fl-Inghilterra bdeŭ ijbighu tavoletti mimlija b'daŭna il microbi. Mela daŭc il flus li tonfku f'il-laħam ixtruhom gobon iffermentat u tmorru ħafna aħjar.

**Lil G. S.** (Hamrun).

IL MARGARINA ISSOSTNI DAKS IL BUTIR u tkum ŭisk ankas minnu u ghalhecc nirraccomandahielec ħafna m'hux biss biex takli biha f'loc ix-xaħam iżda ucoll f'loc il butir stess, billi illum haŭn qŭalità ta' margarina tant tajjba li jecc ma tcunx taf lankas taghrafha m'il ifjen butir. Mela ga la darba it-toghma hi ŭaħda u issostni daks il butir ma nafx ghala ma tibdiex tuża lilha f'id-dar b'roħs ta' xelin u nofs f'ir-ratal u b'dana il mod jecc f'darec jimxi qŭart butir cull jum ghandec tiffranca ma' tul is-sena ma's-sitt liri li tista taghmel xi ħaga sabiħa bihom. Barra minn dana il margarina ghandha vantagg ieħor fuk il butir li hu dan li il butir jecc ijdum ijrangat u b'hecc jista jmarrad l-imsaren iżda il margarina ma trangat katt u b'hecc tista iddeŭŭimha chemm trid. Il marca « Crown » hi m'il aħjar u tinbiegh f'il ħŭienet tista tghid collha.

**Lil P. S.** (Il Belt).

IS-SACCARINA TAGHMEL HSARA F'IS-SAHHA. Dana kaluh il gharef Prof. Lecorche ta' Parigi u oħrajn billi tgħarrak l-istoncu u tghalleb ħafna bħal ma taraŭ f'ħafna diabetici li jużaŭha. Mela jecc taf li il ħelu li semmejtli, fih is-saccarina f'loc iz-zoccor tixtrilhomx minnu ghaliex dana jaghmlilhom ħsara. Dina il biċċa kerk krajt li dieħla f'Malta ucoll billi iz-zoccor hu ghali ħafna u jħallas id-dazju, f'il ħin li is-saccarina m'hux biss ma tħallasx ħabba dazju iżda tħalli kliegħ cbir billi hi ma'l ħames mitt darba actar ħelŭa, pis b'pis, m'iz-zoccor. Illum hemm ucoll is-**Saxina** li hi ŭisk actar ħelŭa m'is-Saccarina stess iżda billi it-tnejn jittieħdu m'il fdal ta'l katran, mnejn jieħdu l-anilini, ŭieħed aħjaa ma jintrigax minnhom. Il *Malta Herald* u ir-*Risorgimento* ga fetħu ghajnejn il Gvern fuk dina il ħaga iżda dana fejn ijrid jonghos u jaghmilha ta't-trux.

**Lil P. S.** (Hamrun).

IL VINI HUMA DAŬC LI JIDHRU TAHT IL GILDA u l-arterji ma jidhrux ghaliex huma kieghdin actar f'il fond taħt il muscli biex actar ijcunu imħarsin.

Id-differenza bejn il vini u l-arterji hi din li f'il vini hemm id-demm maħmug li fl-arterji jghaddi imsoffi. Il kalb, cull dakka ta' polz li tħoss, titfa b'is-saħħa bħal pompa id-demm fl-arterji li jasal sa'l aħħar truf ta'l gisem u jsakkih biex jatih il ħajja. Meta l-arterji jaslu f'it-truf jirkaku ferm u jaghmlu bħal xibca biex jilħku cullimchien u jilħkghu sejjrin sa jinfdu ma'l vini irkak li flimchien ma'l arterji irkak jissejjħu CAPILLARI m'il chelma latina *capillus* li tfisser xaghra ghaliex huma irkak daks xaghra. Meta id-demm ijghaddi b'is-saħħa minn go l-arterja jgorr mieghu daŭc iċ-celluli mejjta u ħmieg ieħor li jcun hemm u jghaddih go'l vini u fl-istess ħin ijghaddi niekes m'il ossigenu li jcun garr mieghu u li bih jitma iċ-celluli. Id-demm ta'l arterji hu aħmar ghaliex fih l-ossigenu, dac ta'l vini hu caħlani-seŭdieni ghaliex ijcun imghobbi bl-acidu carbonicu. Il vini jgorru id-demm m'il gdid fuk il pulmuni fejn l-arja li indaħħlu ma'n-nifs targa tghabbih bl-ossigenu u tneħħi l-acidu carbonicu li jcun imghobbi bih u hecc jarga jmur f'il kalb biex jigi mitfugh fl-arterji. Mela id-demm f'gisimna jdur dejjem biex jilħak l-aħħar truf u jŭasslilhom l-ossigenu u l-ichel l-ieħor f'il ħin li jnaddaf l-imbarazz li jitcarcar m'il vini biex jissaffa. Ma cull dakka ta' polz issir daŭra sħiħa. Flantic dan ma chienux jafuh u chien il gharef tabib Harvey li sab u ipprova dina il ħaga biss xi mija u ħamsin sena ilu. Meta takta arterja id-demm ijżennen ghaliex hu imbuttat m'il kalb u mâ hemm xejn x'jilkaghlu; meta takta vina id-demm ijċarċar ghaliex il forza ta'l kalb hi milkugha chif ga ghidna m'il capillari. Id-demm hu maghmul minn liqŭidu safrani li nghidulu xorrox u minn ħafna bħal galletti tondi, żghar ferm li ma jidhrux b'il ghajn ŭaħda ŭaħda iżda b'il microscopju u li jsejjħulhom *corpuscoli ħomor*, ghaliex hemm il *bojod* ucoll. Il ħomor fihom certa ħaga li jsejjħulha EMOGLOBINA u li actarx hi maghmula m'il *ferru* li jcun hemm fl-ichel u l-actar fl-isfar ta'l bajd. Meta daŭna il *corpuscoli ħomor* jonksu f'id-demm jeŭ meta tonkos fihom l-emoglobina id-demm jiftakar, ma jcunx jiflaħ ijsostni il gisem chif ijmissu u b'hecc titnissel l-ANEMIJA jeŭ il CLOROSI li ŭieħed jaghrafhom m'is-sfura ta'l ŭiċċ, m'il gheja, u m'it-telka u żding ta' xoghol li jcolloc. Mela biex tcun tasseŭ b'saħħtec hemm bżonn li f'demmec ijcolloc ħafna *corpuscoli ħomor* u li daŭna ijcollhom ħafna *emoglobina;* u biex ijcolloc ħafna minn daŭn hemm bżonn li tieħu ħafna bajd u ħalib ghaliex daŭna fihom dac li jinħtieg biex jaghmilhom u jecc il marda tcun daħlet ftit il geŭŭa hemm bżonn li tieħdu xi ftit *ferru* ucoll. L-aħjar mod hu li tixtru il *glicerofosfat ta'l ferru*, tghalluh fi ftit mishun fietel, u tkattru minnu fl-ilma biex tixorbuh. Katt tferrghuh fl-imbit ghaliex fih l-acidu tannicu li jaghkad ma'l ferru biex jaghmel il linca. Mela ħudu il bajd, il ħalib u il *ferru* u jcollcom demm tajjeb u meta ghandcom demm tajjeb ghandcom collox.

★

## STORJA TA'L PAPIET.

XXXVIII.

## S. FELIC II.

**Saltan sena, tliet xhur u jumejn. Laħak f'is-sena 363 u miet f'is-sena 365.**

Ruman bin Anastasju. Dana chien djaconu ta' S. Liberju. Hemm min ijrid ijghid li dana gie maghmul Papa minn Costanzu u ordnat minn xi Iskfijiet Arjani f'il Palazz ta'l Imperatur stess; iżda hemm ħafna oħrajn li jiċħdu dana. Nafu biss f'is-sgur li dana il Papa katt ma chien ta'l fehma ta'l Arjani iżda dejjem bi ħrara cbira ħadha contra it-taghlim taghhom. Faħħruh ħafna chittieba u fosthom il Baronio u hu maghdud bħala martri ta't-tŭemmin nisrani.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA

IRONMONGERY STORES AND CHEMICALS DEPÔT

BRITANNIA

TRADE MARK

EST.D 1909.

106. STRADA IT-TORRI SLIEMA MALTA

BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn ijcun jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijħittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

## Tridu tfieku f'kasir zmien u b'nefka zghira m'id=

# DIABETE ?

## Biex ma jibdielcomx uzau m'il actar fis il

# FERMENTIN

## li hu imfahhar hafna, chif hakku, m'il ahjar tobba.

Jinbigh il Belt fl-Ispizzeriji:— ta's-Sur A. Cumbo, Strada Rjali, 26; ta's-Sur Fabriz Borg, Sda Rjali, Nru. 267; ta's-Sur Fred Gera, Sda S. Giovanni, Nru. 4; ta's-Sur Stilon, Sda Rjali, Nru. 245; u f'St: Paul's Pharmacy, Sda S. Paolo, Nru. 277. Bormla ghand l-Ispizzjar G. Farrugia, Sda S. Paolo u Hal Kormi ghand l-Ispizzjari Nicola Spiteri u G'anni Gatt.

**Morru ghand l-Agent Morina ta' Strada Rjali ta'l Belt biex jaticom ctieb B'XEJN b'ic-certificati.**

Fl-Excelsior Bar ta' **Riccardu Spiteri**, ta' Strada Vittoria, Nru. 37, l-Isla, issibu cull xorta ta' spirti, ta' imbejjet u ta' birra collox m'il ahjar qūalità. Ghandu camra privata ghal familji ucoll.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seūda ghal cotba jeū ghal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rhis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**




**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**